MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 13

5 ta' May 2020

Minuti tas-seduta Nru. 13 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret b'mod virtwali, nhar it-Tlieta 5 ta' Mejju 2020 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu qed isegwu permezz ta' Skype.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet irrekordjata.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 12 tad-9 ta' April 2020 ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/MinutesList

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Inizjattivi marbuta mal-epidemija tal-Covid-19 (D/4)

2.1.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 5.14.1. tas-seduta ta' qabel meta kien ġie diskuss kif għandhom jitqassmu l-maskri lin-negozji, li ser jingħataw mingħajr ħlas. Huwa qal li d-deċiżjoni meħuda jeħtieġ tiġi riveduta fid-dawl tad-direttivi u leġiżlazzjoni li tħabbret mill-Gvern Ċentrali fit-2 ta' Mejju 2020.

2.1.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet, li hija flimkien mal-Kunsillier I. Castillo tkellmu dwar din il-materja, u waslu għall-arranġament kif dawn għandhom jitqassmu. Kompliet tispjega li ser jingħataw b'kollox 14,000 maskra, li 200 minnhom jistgħu jinżammu mill-Kunsill u 200 oħra jingħataw lill-ħaddiema tal-OZO Ltd li ġew assenjati sabiex jagħmlu xogħol ta' tindif u diżinfettazzjoni fil-lokalità. Ġie propost li jingħataw lil dawk in-negożji li ser jibdew joperaw skont l-avviż legali imsemmi. Dawn jistgħu jiġu nfurmati permezz ta' ittra li tintbagħat mill-Kunsill u l-media soċjali. Ser jingħataw ukoll 150 *micro-fibre cloths* li jistgħu jitqassmu waħda lil kull negozju, filwaqt li jinżamm numru minn mill-Kunsill. Ser jingħata ġimgħa żmien biex jinfurmaw lill-Kunsill dwar jekk humiex interessati. Ġie propost li dawn jitqassmu hekk:

| | |
|---|---|
| Ħwienet tat-*take-away* u ristoranti li jqassmu l-ikel fid-djar. | 50 |

| | |
|---|---|
| Ħwienet tal-merċa u spiżeriji | 200 |
| Negozji oħra | 100 |

2.1.4. Il-Kunsillier I. Castillo għarraf li d-donatur tal-maskri u l-micro-fibre cloths huwa Norwex Ltd, li taw il-kunsens tagħhom sabiex jissemmew bħala *sponsors*, kemm fil-każ ta' din l-għotja, kif ukoll għar-roti li qed jintużaw mill-Pulizija tal-Komunità. Għalhekk ikun xieraq li dan il-ġest jissemma fuq il-media soċjali u s-sit elettroniku tal-Kunsill. Kompla jgħid, li biex jiġi assikurat li dawn il-maskri ma jinbiegħux, jista' isir *post* fuq il-mezzi msemmija, fejn jittella' ritratt tal-kaxxi u l-maskri li ser jitqassmu.

2.1.5. Is-Sindku qal li biex issaħħaħ il-proposta skont il-minuta 2.1.4. aktar 'il fuq, il-maskri mqassma għandhom jitpoġġew f'post prominenti fejn wieħed jista' jarahom faċilment, hekk kif jidħol fil-ħanut.

2.1.6. Il-Kunsill qabel mal-proċedura tat-tqassim kif proposta, kif ukoll li l-maskri għandhom jitpoġġew fejn s-*sanitisers* li l-operaturi tan-negozji ntalbu jipprovdu mill-awtoritajiet tas-saħħa.

2.1.7. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għat-tqassim ta' basktijiet bl-ikel li qed jiġu pprovduti mill-Malta Trust Foundation għall-persuni fil-bżonn. Hija qalet li qed tieħu l-inizjattiva biex tiġbor dawn il-basktijiet mill-uffiċċju tal-MTF fil-Furjana u tagħtihom lill-Arċipriet tal-Mellieħa sabiex jgħaddihom li min għandu bżonnhom.

2.1.8. Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa japprezza s-servizz li qed jingħata, iżda lmenta li mhux kull membru tal-Kunsill qed ikollu l-opportunità li jagħti l-kontribut tiegħu f'dawn it-tip ta' inizjattivi.

2.1.9. Is-Sinjura A. Brincat Stellini qalet li din it-tip ta' inizjattiva hija kompatibbli mar-responsabilitajiet assenjati lilha bħala kunsilliera, filwaqt li tuża t-trasport privat tagħha. Qalet ukoll li mhux dejjem ikollha spażju biex tlaħħaq mad-domanda, filwaqt li ma ssib ebda problema li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 2.2.1. PA 2142/20; PA 2137/20 – Żvilupp ta' art konfinanti minn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq il-Fortizza u Triq Ħalq iċ-Cawl (P/5/8/Z)

2.2.2. Saret referenza għal minuta 5.1.1. tas-seduta preċedenti dwar l-applikazzjonijiet imsemmija hawn fuq, li jinvolvu bdil minn *units* residenzjali għal ħwienet Class 4B u 4.

2.2.3. Is-Sindku għarraf li saru oġġezzjonijiet fiż-żewġ każi, fis-sens li ż-żona essenzjalment hija waħda residenzjali.

## 2.3.1. Inċident fi Triq il-Mellieħa li jinvolvi vettura Nru. XER 152 (D/5/Vol II)

2.3.2. Saret referenza għall-minuta 5.3.1. tas-seduta ta' qabel dwar talba għad-danni kkawżati fuq il-vettura msemmija, li seħħ fis 7 ta' Frar 2020.

2.3.3. Il-kumpanija tal-assikurazzjoni wiegbet li fil-fehma tagħhom ir-responsabiltà għall-ħajt tas-sejjieħ hija ta' sid l-għalqa u fi kwalunkwe każ li ġebla li taqa' minn ħajt f'żona rurali ma tinvolvix negliġenza da parti tal-Kunsill. Ġie nnutat ukoll mir-ritratt, li l-ġebla kienet eżatt mal-ħajt u għalhekk b'dan il-modd il-vettura setgħet laqtet kwalunkwe oġġett jew persuna li li kienet mal-ġenb tat-triq. Fid-dawl ta' dan l-kumpanija tal-assikurazzjoni tal-Kunsill qed tissuġġerixxi li t-talba tiġi rifjutata. Huma talba l-opinjoni tal-Kunsill fid-dawl tal-osservazzjonijiet li għamlu.

2.3.4. Il-Kunsill qabel ma' l-opinjoni espressa mill-kumpanija tal-assikurazzjoni.

**2.4.1. Taraġ bejn Triq is-Sliem u Triq l-Hena** **(P/5/2/Vol II)**

2.4.2. Saret referenza għall-minuta 2.1.1. tas-seduta ta' qabel dwar it-taraġ imsemmi. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li l-iżviluppatur ġie kkuntattjat u għarraf li x-xogħol fuq is-sit qabad ritmu mgħaġġel u mistenni li fi żmien xahar ikun wasal biex jibni l-ħajt li miegħu jserraħ it-taraġ. Sadanittant saret rappreżentazzjoni oħra mal-*Building Construction Agency* sabiex jagħmlu spezzjonijiet minn naħa tagħhom. Huwa qal ukoll li skont il-prattika normali, l-Awtorità tal-Ippjanar titlob garanzija bankarja sabiex jiġi aċċertat li xi ħsara li ssir fi proprjetà tiġi rimedjata mill-iżviluppatur.

2.4.3. Il-Kunsill qabel li s-sitwazzjoni għandha tiġi riveduta f'Ġunju 2020.

**2.5.1. Kumitat *ad hoc* dwar Triq Ġorġ Borg Olivier** **(T/5/1/Vol II)(T/3/3/Vol IV)**

2.5.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li fis-17 ta' April 2020 saret laqgħa virtwali tal-Kumitat bil-parteċipazzjoni tas-Sur Julian Tabone mill- Ministeru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali u s-Sur Ivan P. Vella mil-Land Transport Directorate ta' Transport Malta. Għan-naħa tal-Kunsill ipparteċipaw, flimkien miegħuis-Sindku D. Vella, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret rappreżentazzjoni bil-kitba dwar it-tibdil żgħir miftiehem fil-proposti oriġinali mressqa, li essenjalment jinvolvi li:

- Ir-rotta X1A tibqa' tgħaddi minn Triq Ġorġ Borg Olivier;
- Ir-rotot kollha jidħlu fl-*interchange* propost fi Triq Selmun;

2.5.3. Kien hemm qbil ukoll fuq il-punti li ġejjin:

- Issir komputazzjoni tal-ispejjeż involuti fit-traġitt addizzjoni bir-rotot kif proposti; u
- Jsir iddisinjar tal-*interchange* minn Infrastructure Malta.

2.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-linji li qed jaddotta l-Kumitat.

**2.6.1. Inizjattiva – *Make a Card, Create a Smile*** **(A/1/1/Vol II)**

2.6.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-minuta 5.15.1. tas-seduta preċedenti u qal li huwa, flimkien mal-Kunsilliera A. Brincat Stellini, komplew jaħdmu fuq l-inizjattiva msemmija u nstab persuna li ser jipproduċi *video* mingħajr ħlas, filwaqt li ser issir l-kompożizzjoni ta' kanżunetta apposta. Huwa qal li dan ix-xogħol jista' jittella' fi-medja soċjali sabiex ikun aċċessibbli għal kulħadd.

2.6.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li qabel jixxandar il-*video*, dan għandu jintwera lill-anzjani residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa.

2.6.4. Il-Kunsill innota l-progress li sar fuq din l-inizjattiva u qabel mal-proposta skont il-minuta 2.6.3., aktar 'l fuq.

**2.7.1. Assenjar ta' ħaddiema tal-OZO Ltd** **(T/4/5/Vol IV)**

2.7.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għax-xogħol ta' tindif li qed jiġi assenjat lill-ħaddiema tal-OZO Ltd. Huwa lmenta li minkejja illi hemm membri fil-Kunsill li jistgħu jikkontribwixxu fuq dan is-suġġett, dawn tħallew barra minn din l-inizjattiva.

2.7.3. Il-Kunsillier G. Micallef ikkummenta li huwa japprezza l-involviment tas-Segretarjat Parlamentari għas-Servizzi Finanzjarji u l-Ekonomija Diġitali, kif ukoll ix-xogħol siewi li qed isir, iżda mhux aċċettabbli li sezzjoni mill-Kunsill tinqata' barra minnha.

2.7.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini wieġbet li t-tindif jappartjeni r-responsabilitajiet assenjati lill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar, pero' ma kinitx f'pożizzjoni li tagħmlu ta' kuljum minħabba raġunijiet ta' xogħol u studju. Għadaqstant, is-Sindku talab lilha

u l-Kunsillier K. Buttigieg sabiex jieħdu dan l-inkarigu. Dan jikkonsisti fi tfassil ta' pjan ġurnata b'ġurnata, li jindika fejn għandu jsiru t-tindif. Waħda mill-impjegati tal-Kunsill qed tikkordina ma' rappreżentant ta' OZO Ltd sabiex il-ħaddiema jibqgħu sejrin direttament fuq il-postijiet indikati lilhom u tara li jkollhom il-materjal li jridu jaħdmu biħ.

2.7.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li huwa ma jara xejn ħażin b'din il-proċedura għaliex kieku ma sarx hekk, is-servizzi tal-ħaddiema konċernati kienu jintilfu. Minn naħa l-oħra huwa ma jara xejn ħażin li jkun hemm l-involviment tal-membri kollha tal-Kunsill fl-identifikazzjoni ta' postijiet fejn għandu jsir it-tindif.

2.7.6. Is-Sindku kkummenta li huwa ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jkun hemm l-inpenn ta' min jista' jgħin f'din l-inizjattiva, sakemm dan isir b'kordinament miegħu u mas-Segretarjat tal-Kunsill.

2.7.7. Il-Kunsillier E. Bartolo osserva li l-bankijiet ta' matul il-*promenade* tal-Għadira kienu bla plastik u avviż imwaħħal magħhom.

2.7.8. Ittieħdet nota sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-Cleansing Services Division.

2.7.9. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-operatur tal-istabbiliment Ocean Basket ġentilment offra xi ikel u xorb lill-ħaddiema tal-OZO Ltd assenjati mal-Kunsill.

2.7.10. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona wkoll li l-Kunsill jirrepeti dan il-ġest billi joffri frott lill-istess ħaddiema.

2.7.11. Il-Kunsill laqa' is-suġġeriment skont il-minuta 2.7.10. aktar 'il fuq.

### 2.8.1. Xogħlijiet fir-ramla tal-Għadira (T/4/2/Vol XXI)

2.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.8.1. tas-seduta ta' qabel u ġibdet l-attenzjoni li l-bankijiet li jinsabu fl-*area* tal-*barbecue* għadhom ma twaħħlux fejn kienu, mill-kuntrattur li għadda trinka matul ix-xatt.

2.8.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ġiet mitluba sabiex tieħu azzjoni. Is-Sur C. Debono għarraf ukoll li sar kuntatt direttament mal-kuntrattur konċernat.

### 2.9.1. Inkonvenjenti kkawżati mill-kostruzzjoni (A/6/3/1/Vol 110)

2.9.2. Il-Kunsillieri G. Micallef u A. Brincat Stellini rreferew għall-minuta 5.18.1. tas-seduta ta' qabel u staqsew dwar jekk kienx hemm rispons dwar il-proposta li tinvolvi tnaqqis fil-ħinijiet li matulhom jista' jsir xogħol ta' kostruzzjoni f'żoni residenzjali, minħabba l-preżenza ta' aktar nies li qed jaħdmu minn djarhom. Ġie mistoqsi dwar jekk kienx hemm rispons minn naħa tal-Kumitat Reġjonali.

2.9.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Installazzjoni ta' *Retro-Booths* (T/2/1/Vol II)

3.1.2. Il-Kunsill I. Castillo staqsa dwar jekk kienx hemm żviluppi dwar dan il-proġett.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-proġett ġiet komunikata lill-promoturi tiegħu, iżda ma kien hemm ebda rispons minn naħa tagħhom.

### 3.2.1. Skema ta' Finanzjament ghall-Gvern Lokali ghall-Kura tal-Annimali fil-Komunità (A/9

3.2.2. Il-Kunsillier M. Abela staqsa dwar jekk kienx hemm progress fuq l-applikazzjoni li saret mal-Awtorità tal-Ippjanar rigward l-iżvilupp ta' art devoluta lill-Kunsill li tinsab fi Triq Ġużè Flores biswit il-Park tal-Familja.

3.2.3. Is-Sur C. Debono wieġeb li qabel l-Awtorità tal-Ippjanar tkompli tipproċessa t-talba, jeħtieġ li jkun hemm il-kunsens għall-użu ndikat mill-Awtorità tal-Artijiet.

### 3.3.1. Materji li jinvolvu l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (W/2/Vol II)

3.3.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa ta' kuntatt mal-Korporazzjoni għas-Servizzi li jirrigwardaw proġetti tagħhom, fosthom:

(a) Ix-xogħol li għaddej fix-Xatt ta' Santa Marija, inkluż l-ammont konsiderevoli ta' terrapien li ġie akkumulat mill-kuntrattur;

(b) Il-pjanijiet li għandha l-Korporazzjoni dwar id-distribuzzjoni tan-*new water*; u

(c) Tiswijiet fuq il-*mains* tad-drenaġġ ġewwa Santa Marija Estate.

3.3.3. Ittieħdet nota tal-proposta.

### 3.4.1. Sewqan perikoluż fil-Manikata (T/3/2/Vol XV)

3.4.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar jekk kienx hemm żviluppi rigward is-sinjali tal-karreġġjata u tabelli, li kellhom isiru fi Triq il-Wilġa, Trejqet il-Ħarrub, u fi Triq il-Mejjiesa.

3.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa nfurmat, minn naħa ta' Infrastructure Malta, li x-xogħol kien approvat u ser jingħataw struzzjonijiet lill-kuntrattur tagħhom sabiex jiġi mplimentat.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 02/05/20;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 14/03/20 – 17/04/20;
- Skeda ta' Pagamenti – 06/04/20 – 02/05/20;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. PA 10178/18 – Estensjoni tal-Panorama Hotel (P/5/8/D)

5.1.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija. Il-Kunsill ġie mfakkar li permezz ta' applikazzjoni PA 4131/15, l-Awtorità tal-Ippjanar kienet approvat it-twaqqiegħ ta' strutturi li kien hemm fuq il-bejt tal-lukanda sabiex jinbena sular ieħor li jkun irtirat 'il ġewwa. Permezz tal-applikazzjoni PA 10178/18, oriġinarjament intalab li jkun hemm lukanda b'ħames sulari, flimkien ma' tnejn oħra rtirati 'l ġewwa. Sussegwentement, din ġiet mibdula u ntalab li flimkien mal-ħames sulari eżistenti jkun hemm sular wieħed irtirat 'l ġewwa, twessiegħ tal-bibien li jagħtu għat-terrazzini u tkabbir tal-gallariji.

5.5.3. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li diġa oġġezzjona għal din it-talba fuq il-premessi segwenti:

(a) L-għoli permissibbli attwalment huwa tliet sulari flimkien ma' *semibasement,* li skont il-*policy* DC15, dawn jissarfu f'għoli massimu ta' 17.50 metri;

(b) Il-*Height Limitation Adjustment Policy* għall-lukandi tippermetti żieda fl-għoli, iżda din il-proposta mhijiex kompatibbli mar-rekwiżiti tal-*policy* minħabba li:

i. Il-medda tas-sit jeħtieġ li jkun iktar minn 5000 metru kwadru. F'dan il-każ din hija 424.3 metri kwadri;

ii. Is-sit jeħtieġ li jkun imdawwar b'toroq eżistenti jew ippjanati, iżda f'dan il-każ Triq Dun Belin Azzopardi ma tinfidx ma' Triq Ġnien Ingraw;

iii. Is-sit għandu jakkomoda bini waħdu, li mhux il-każ;

iv. Is-sit m'għandux jaffettwa b'mod negattiv l-infrastruttura, iżda f'dan il-każ ċertament li jaffettwaha; u

v. Is-sit ma jridx ikun jinstab fuq ix-xifer ta' għolja. F'dan il-każ is-sit jinsab eżatt fuq ix-xifer.

5.5.2. Bl-applikazzjoni kif mibdula, il-Kunsill dehrlu li l-oġġezzjonijiet jonqsu, iżda l-aspett estetiku ser jiġi affettwat, minħabba li l-lukanda tinsab fix-xifer ta' għolja. Ittieħed in konsiderazzjoni li t-talba, anke kif mibdula, tinvolvi ntensifikar ta' żvilupp eżistenti li jinsab f'żona li hija purament residenzjali u għalhekk il-lukanda ser tkompli tgħabbi l-faċilitajiet eżistenti u b'hekk toħloq diffikultajiet għal kulħadd, parikularment minħabba l-fatt illi Triq Ġnien Ingraw u Triq Dun Belin Azzopardi ma jinfdux.

5.5.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf wkoll li l-applikazzjoni ser tiġi diskussa mill-Bord tal-Ippjanar fis-7 ta' Mejju 2020. Is-Sindku qal li huwa ser ikun qed isegwi s-seduta tal-Bord b'mod virtwali.

### 5.6.1. *Banner* għal promozzjoni ta' korsijiet universitarji (T/4/3/Vol II)

5.6.2. Saret referenza għal imejl datat 3 ta' Mejju 2020, fejn intalab permess lill-Kunsill sabiex jitwaħħal *banner,* 6 metri b'metru, li jippromwovi korsijiet mogħtija mill-Fakoltà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà fl-Università ta' Malta.

5.6.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li ssir banner fi Triq Ġorġ Borg Olivier qrib Triq it-Tonn u bl-eżenzjoni mill-meżati ndikati fil-*bye-laws* relattivi, minħabba li l-għan huwa wieħed edukattiv.

### 5.7.1. *Speed Camera* fi Triq il-Marfa (W/3/2)

5.7.2.. Inqara imejl datat 20 ta' April 2020, fejn saret proposta sabiex issir *speed camera* fi Triq il-Marfa bejn Triq it-Trill u Dawret it-Tunnara u bi dritt Triq l-Għajn tal-Mellieħa. Qed jintalab dan peress li l-i*speed humps* jiġġeneraw inkonvenjent għar-residenti.

5.7.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li veloċità massima ta' 30 kilometru fis-siegħa, kif intalab hija baxxa wisq, apparti li mhux normali li *speed cameras* jiġu nstallati f'toroq ta' din ix-xorta.

5.7.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg, ikkummenta li *speed cameras* għandhom jiġu nstallati biss f'toroq arterjali, bħalma hija Triq Lewis Wettinger u Triq iċ-Ċirkewwa.

5.7.5. Il-Kunsill ma approvax it-talba.

### 5.8.1. Sistema ta' *one-way* fi Triq Salvu Camilleri (T/3/2/Vol XV)

5.8.2. Saret referenza għall-imejl datat 2 ta' Mejju 2020, mibgħut mill-Mellieħa Scout Group, li ġibdu l-attenzjoni għall-problemi li qed jaffaċċjaw sabiex iduru għat-trejqa li tagħti għall-kwartieri tagħhom, billi issa jkollhom jidħlu għaliha mid-direzzjoni ta' Triq iż-Żnuber.

5.8.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-problema tal-iScouts ġejja mill-fatt li dawn jużaw vann imdaqqas li ma jdurx minn Triq Salvu Camilleri għat-trejqa li tagħti għall-kwartieri tagħhom. Qabel ġiet introdotta s-sistema tal-*one-way* huma kienu jidħlu minn naħa ta' Triq San Mikiel.

5.8.4. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni wkoll li fl-istess trejqa hemm *substation* tal-Enemalta li perjodikament jirrikjedi aċċess b'vetturi kbar minħabba xogħol ta' manutenzjoni u tiswijiet.

5.8.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini kkummentat li s-sistema tal-*one-way* intlaqgħet tajjeb mir-residenti minħabba li Triq Salvu Camilleri ma tippermettix ipparkjar fuq naħa waħda bit-traffiku għaddej fiż-żewġ direzzjonijiet.

5.8.6. Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li jingħata aċċess temporanju minn Triq it-Tabib Joseph Grech Attard, li għalkemm hija ffurmata, għadha ma saritx minn Infrastructure Malta. Għaldaqstant wieħed għandu jara li għallinqas jingħata aċċess temporanju mill-istess triq.

5.8.7. Is-Sindku ppropona li ssir laqgħa fuq il-post sabiex jiġi nvestigat jekk il-proposta skont il-minuta 5.8.6. tistax titwettaq.

## 5.9.1. PIN Project (A/4/10)

5.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini irreferiet għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 10 tal-11 ta' Frar 2020 dwar it-tqegħid ta' monument forma ta' *pin*. Hija qalet li żaret il-post indikat flimkien mal-Perit Rebecca Micallef mid-ditta Forward Architects. Hija qalet li l-Perit Michael Pace qabel mal-post indikat mill-Kunsill.

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.10.1. Park tal-Majjistral – Tibdil fil-ħinijiet li matulhom tista' issir il-kaċċa (A/4/10)

5.10.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-Avviż Legali 300 tal-2017, ippubblikat fis-27 ta' Ottubru 2017, li emenda l-Artiklu 3 tar-regolamenti prinċipali L.S.549.83. Huwa spjega li fost regolamenti oħrajn dan jipprovdi li ma tistax issir kaċċa fil-ħinijiet li ġejjin:

- Qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara n-12.30p.m. bejn Settembru u Novembru u matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa, kull meta tiġi applikata deroga għal dan l-istaġun, bl-eċċezzjoni għal nhar ta' Erbgħa meta l-kaċċa ġiet projbita qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara l-10.00 a.m.;

- Qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara l-10.00 a.m. matul Diċembru u Jannar;

- Qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara l-10.00 a.m. bejn Settembru sa Jannar u fil-festi pubbliċi matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa, kull meta tiġi applikata deroga għal dan l-istaġun;-

5.10.3. Is-Sur J. Buttigieg qal fl-aħħar laqgħa tal-Bord tal-Park tal-Majjistral ġiet dikussa proposta mressqa miċ-Chairman sabiex tiġi pprojbita l-kaċċa nhar ta' Erbgħa u fil-Ħdud u l-btajjel pubbliċi anke qabel l-10.00 am, meta l-istaġun ikun miftuħ. Dan minħabba li nhar t'Erbgħa, fil-Ħdud u l-btajjel pubbliċi ikun hemm it-tfal tal-iskola u persuni oħra li jżuru l-Park.

5.10.4. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Artiklu 3(1) tar-Regolamenti dwar is-Sit ta' Il-Majjistral Park ta' Natura u Storja (L.S. 599.83) għandu jitħalla kif inhu, peress li wara l-10.00 am ikun hemm ħin biżżejjed biex imorru t-tfal tal-iskejjel u l-pubbliku in ġenerali.

## 5.11.1. Tabelli tal-ipparkjar bil-ħin fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/2/Vol XV)

5.11.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-punt li huwa qajjem fis-Seduta Nru. 11 tad-9 ta' Marzu 2020 dwar is-suġġett t'hawn fuq. Kompla jgħid li huwa u s-Segretarju tkellmu mal-kuntrattur konċernat u kien hemm qbil li sabiex l-arranġamenti dwar l-ipparkjar fil-parti bejn Triq il-Qalb Imqaddsa u Triq it-Tonn ikunu aktar ċari, għandhom jitneħħew it-tabelli bil-ħinijiet li hemm mat-tabelli li jindikaw iż-żona tal-irmunkar, sabiex dawn jiġu effettivi l-ġurnata kollha. Minflok dawn it-tabelli għandhom jsiru oħrajn li jindikaw in-numri tat-telefon tal-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra.

5.11.3. Il-Kunsill qabel mat-tibdil propost.

### 5.12.1. Dawrien perikoluż minn Triq il-Kbira għal Triq il-Fortizza (T/3/2/Vol XV)

5.12.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm vetturi li jsuqu fuq in-naħa l-ħażina tat-triq meta jduru minn Triq il-Kbira. Huwa ppropona li jkun hemm demarkazzjoni fiżika fi Triq il-Fortizza.

5.12.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg, qal li wieħed għandu jara hemmx spazju biżżejjed għat-tip ta' demarkazzjoni li ssemmew fil-minuta preċedenti.

5.12.4. Il-Kunsill qabel li għandu jinkiseb parir mingħand Transport Malta.

### 5.13.1. Pubblikazzjoni tal-magazin "Mill-Qiegħa" (P/3/2/Vol V)

5.13.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li qed isiru t-tħejjijiet għall-pubblikazzjoni tal-ħarġa li kellha ssir f'Marzu 2020, iżda posposta minħabba r-restrizzjonijiet marbuta mal-Covid-19. Huwa qal li xi materjal li kien hemm għandu jiġi aġġornat, u għaldaqstant kull minn jixtieq li jikkontribwixxi b'materjal ġdid jista' jagħmel dan. Huwa qal li ser jara li l-ħarġa ssir f'Ġunju.

5.13.3. Il-Kunsill ħa nota.

### 5.14.1. Introduzzjoni ta' *speed camera* fi Triq Lewis Wettinger (W/3/2)

5.14.2. Is-Sindku D. Vella nnota li l-Pulizija kienu qed jiċċekkjaw il-veloċità tal-vetturi fil-Ħdud u l-Festi, fi Triq Lewis Wettinger. Huwa pprop na li t-talba li kien għamel il-Kunsill preċedenti għandha tiġi mtennija għab-bażi tan-numru ta' kontravvenzjonijiet li ġew irrappurtati.

5.14.3. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li fis-Seduta Nru. 53 tas-Seba' Kunsill li saret fid-29 ta' Marzu 2016, kienet saret proposta sabiex issir *speed camera* qrib Triq Mons. Ġużeppi Schembri u Triq il-Mitħna l-Qadima.

5.14.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 5.14.1.

### 5.15.1. Taraġ il-Baqquniera (P/5/9/N)

5.15.2. Il-Kunsillier R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni għat-taraġ li huwa perikoluż peress li m'għandux puġġaman, filwaqt li tħallew briks fuq naħa waħda tiegħu. Għaldaqstant hija ppropon iet li jsir xi ħaġa f'din id-direzzjoni, peress li f'każ ta' korriment, il-Kunsill jista' jinżamm responsabbli.

5.15.3. Is-Segretarju Eżekuttiv aċċenna li fil-passat kienu saru rappreżentazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti, billi kien hemm individwi li okkupaw spazju pubbliku biex bnew garaxxijiet bi dħul minn Triq l-Etna. B'riżultat ta' dan, it-taraġ ġie ffurmat mill-istess persuni b'mod li huwa dejjaq u fil-fatt qed jokkupaw l-ispazju ta' taħtu.

5.15.4. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni mal-Awtorità tal-Artijiet sabiex jiġi stabbilit jekk minn bena għandux titlu fuq l-art okkupata.

### 5.16.1. Periklu fl-inħawi ta' Daħlet ix-Xmajjar (X/1/1/Vol II)

5.16.2. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li jitwaħħlu tabelli ta' twissija qrib il-ħofra li teżisti fl-inħawi msemmija. Dan peress li dan il-post iżuruħ ħafna nies li jersqu fix-xfarijiet mingħajr ma jirrejalizzaw il-periklu li hemm.

5.16.3. Il-proposta ġiet approvata.

## 5.17.1. Pjan dwar l-Immaniġġjar tal-Aħrax (P/5/1/Vol IV)

5.17.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għal rapport li deher fil-ġurnal Malta Today tat-28 ta' April 2020, fejn tħabbar li l-Gvern ser ikun qed ifassal il-pjan imsemmi permezz ta' kumitat apposta. Fid-dawl tal-fatt illi ż-żona hija parti mil-lokalità tal-Mellieħa, hemm fis-seħħ *bye-laws* li jirregolaw l-ikkampjar u tisjir fil-beraħ fiż-żona, is-Sur D. Vella ppropona li ssir rappreżentazzjoni mal-Ministeru tat-Transport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali, bil-għan li l-Kunsill ikun rappreżentat fuq il-kumitat li ser jitwaqqaf.

5.17.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li fl-aħħar seduta tal-Kumitat Reġjonali, kien hemm qbil li anke r-reġjun ikun rappreżentat fuq il-Kumitat li ser jitwaqqaf.

5.17.4. Il-Kunsill qabel għandha ssir rappreżentazzjoni mal-ministeru konċernat.

## 5.18.1. *Hoarding* fi Triq il-Kbira (A/6/3/1/Vol 110)

5.18.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni għall-*hoarding* estensiv li nbena diveri xhur qabel fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq il-Kbira. Huwa qal li kellu jiġi pprojbit l-ipparkjar peress li ġiet okkupata l-wisa' kollha tal-bankina u biex il-*pedestrians* ma jimxux fil-karreġġjata. Huwa appella sabiex isir kuntatt mal-iżviluppatur bil-għan jiġi stabbilit il-progress li sar fuq is-sit.

5.18.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 5.19.1. Żona ta' konservazzjoni marittima fiċ-Ċirkewwa (X/1/6/Vol II)

5.19.2 Il-Viċi Sindku rrefera għall-imejl datat 6 ta' Mejju 2020 mibgħut minn Nature Trust, fejn għarrfu li flimkien mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu ser ikunu qed iwettqu proġett dwar konservazzjoni marittima fl-inħawi taċ-Ċirkewwa, li huwa l-iktar post imfittex mill-għaddasa. Bħala parti mit-tħejjijiet għaliħ, għaddejjin b'konsultazzjoni ma' diversi entitajiet konċernati u għaldaqstant fit-12 ta' Mejju 2020 jixtiequ li ssir laqgħa ta' konsultazzjoni virtwali mal-Kunsill.

5.19.3. Il-Kunsill ħa nota.

## 5.20.1. *Resurfacing* ta' toroq ġewwa l-Aħrax (T/4/7/Vol III)

5.20.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għax-xogħol li għaddej fuq l-asfaltar ta' Triq l-Armier iż-Żgħir u staqsa dwar il-possibiltà li ssir bankina fuq in-naħa tal-baħar sabiex jiġi evitat li wieħed jimxi fil-karreġġjata meta jkun hemm ħafna vetturi pparkjati, li fil-parti l-kbira tagħhom ikunu *caravans* u *campers*.

5.20.3. Is-Sindku D. Vella qabel mal-proposta skont il-minuta 5.20.2., filwaqt li ġibed l-attenzjoni li jeħtieġ tinsab soluzzjoni għall-ilma tax-xita li jakkumula wara l-ħajt ta' mar-ramla.

5.20.4. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab laqgħa fuq il-post mal-perit konċernat fi ħdan Infrastructure Malta.

## 5.21.1. Filmati dwar passatempi (E/3/1/3)

5.21.2. Il-Kunsillier G. Micallef ippropona li jsiru filmati dwar snajja tradizzjonali, l-arti, u passatempi bil-parteċipazzjoni ta' persuni mill-lokalità, bil-għan li jkunu jistgħu jittellgħu fuq il-medja soċjali. Dawn għandhom ikunu mmirati biex iħajru lit-tfal u ż-żgħażagħ jipprattikawhom.

5.21.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li tfal mhux possibbli li jkollhom *account* fuq il-media soċjali qabel erbatax-il sena.

5.21.4. Kien hemm qbil li din l-ideja jeħtieġ li tkompli tiġi diskussa u żviluppata aktar.

### 5.22.1. Miżura 2 – EAFRD – *Strenghtening a Healthy Cultural Identity* (P/10/36)

5.22.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf illi l-applikazzjoni li saret taħt il-miżura msemmija sabiex jiġi ffinanzjat tagħmir tan-netball u baseball. Huwa qal li permezz ta' ittra datata 23 ta' Marzu 2020, il-Kunsill ġie mgħarraf mill-Fundazzjoni Grupp Azzjoni tal-Majjistral, li l-finanzjament mitlub ġie approvat.

5.22.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.23.1. Proġett taħt il-programm ERASMUS+ (P/10/35)

5.23.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li ġiet approvata applikazzjoni għal finanzjament minn fondi Ewropej għall-*workshop* bit-tema *LGBTIQ Rights at the Heart of the EU*. Huwa fakkar li dan kellu jsir bejn it-3 u s-6 ta' Marzu 2020, fil-lokalità ta' Casalborgone fl-Italja, iżda minħabba l-epidemija Covid-19 intalab posponiment tiegħu għal Marzu 2021.

5.23.3. Il-Kunsill approva azzjoni li ttieħdet.

### 5.24.1. Manutenzjoni meħtieġa fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol V)

5.24.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-minuta 5.28.1. tas-Seduta Nru. tal-11 ta' Frar 2020 dwar laqgħa li saret ma' uffiċjal minn SportMalta dwar l-istat tat-tagħmir tal-*outdoor gym*, fejn ingħata parir li jkun aktar vijabbli li dan jinbidel milli ssir manutenzjoni fuq it-tagħmir eżistenti. Kompla jgħid li permezz ta' imejl datat 14 ta' April 2020, SportMalta kkommettew għotja ta' €10,000 biex ikun jista' jsir dan.

5.24.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li awtorizza s-sejħa sabiex ikun jista' jinxtara u jiġi nstallat tagħmir ġdid.

### 5.25.1. Restawr tat-Torri l-Aħmar (R/2/Vol III)

5.25.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini għarraf li fit-22 ta' April 2020, hija flimkien mal-Kunsillier I. Castillo attendew konferenza stampa mogħtija mill-Ministru tat-Turiżmu u Affarijiet tal-Konsumatur, l-Onor J. Farrugia Portelli, is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Fondi Ewropej l-Onor Dr S. Zrinzo Azzopardi, iċ-Chairman tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu Dr G. Gulia, u s-Sinjura M. G. Cassar mis-Soċjetà Din l-Art Ħelwa. Il-konferenza saret fejn it-Torri l-Aħmar u fiha tħabbar li sar investiment ta' €306,000 fir-restawr tiegħu, li kien possibbli minn fondi Ewropej, u l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, fejn tal-aħħar għamlet tajjeb għall-ko-finanzjament meħtieġ.

5.25.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.26.1. Blue Flag għall-Bajja tal-Mixquqa u l-Għadira (X/1/1/Vol II)

5.26.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini għarrfet li l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu għadha kemm ħabbret li l-Bajjiet tal-Għadira u dik tal-Mixquqa ġew ikkonfermati bħala *Blue Flag Beaches* għas-sajf 2020, flimkien ma' disa' oħra fil-Ġżejjer Maltin.

5.26.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.27.1. Stampar ta' *comic book* għat-tfal (P/3/2/Vol V)

5.27.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-inizjattiva tal-*comic book* għat-tfal ta' bejn tmienja u ħdax-il sena li jkun bil-Malti u l-Ingliż sabiex jitqassam lit-tfal tal-Ħames u s-Sitt Sena tal-Iskola Primarja. Hija għarrfet li saret sejħa għall-istimi sabiex jinkiseb is-servizz tal-istampar tiegħu.

5.27.3. Il-Kunsill innota l-iżviluppi msemmija.

**5.28.1. PA 2865/20 – Bdil fl-użu ta' garaxx f'Santa Marija Service Station – Triq il-Kbira** **(Z/1/Vol II)**

5.28.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-applikazzjoni msemmija li tinvolvi l-bdil fl-użu ta' garaxx li jifforma parti minn Santa Marija Service Station għal ħanut ta' tellar u mekkanik. It-talba tinvolvi wkoll bdil ta' uffiċċju għal ħanut tat-*take-away* flimkien ma' tibdil intern koperti bil-permess PA 557/15.

5.28.3. Il-Kunsill innota li l-faċilitajiet imsemmija mhux ser ikunu fuq Triq il-Qortin, iżda b'aċċess minn Triq il-Kbira.

**5.29.1. Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm** **(K/11)**

5.29.2. Inqara imejl datat 24 ta' April 2020, fejn iċ-Ċentru tat-Trasfużżjoni tad-Demm għarraf li l-14 ta' Ġunju 2020 ser jiġi mfakkar il-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm. Il-Kunsilli Lokali ġew imħajjra jixgħelu l-faċċata tal-Kunsill bl-aħmar mill-1 sal-15 t' Ġunju. Fit-tieni nofs ta' Ġunju jikkonsidraw li jitneħħew il-*filters* ħomor un jinħloq effett ta' bandiera Maltija.

5.29.3. Is-Segretarju ppropona li l-effetti mitluba jiġu proġettati fuq il-bini biswit Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, li huwa viżibbli aktar mill-uffiċċju tal-Kunsill.

5.29.4. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 5.3.3.

5.29.5. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li l-Kunsillieri jagħtu d-demm meta l-vettura tkun fil-Mellieħa.

5.29.6. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li fil-31 ta' Mejju 2020, il-*mobile blood donation unit* ser ikun f'Misraħ il-Parroċċa, fil-Mellieħa, bejn it-8.30am u s-1.00pm.

5.29.7. Ġie miftiehem li dawk il-Kunsillieri li jixtiequ jagħtu d-demm bħala grupp wieħed għandhom jiltaqgħu nhar il-Ħadd 31 ta' Mejju 2020 fl-10.00 am, f'Misraħ il-Parroċċa.

**5.30.1. Ipparkjar fi Triq id-Deru** **(T/3/2/Vol XV)**

5.30.2. Sar aċċenn għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 10 tal-11 ta' Frar 2020, dwar proposta sabiex isiru linji sofor doppji, minħabba illi l-waqfien ta' vetturi qed jimblokka l-karreġġjata. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li saret rappreżentazzjoni dwar dan ma' Transport Malta, li minn naħa tagħhom wieġbu permezz ta' imejl datat 9 ta' April 2020 wieġbu li Infrastructure Malta kellhom pjanijiet dwar din it-triq u għalhekk mhumiex f'pożizzjoni li japprovaw xi arranġament qabel ikollhom direzzjoni mingħandhom, jew mill-iżviluppatur.

5.30.3. Is-Sindku D. Vella qal li huwa evidenti li Transport Malta ma jixtiequx jikkommettu ruħhom fuq xi arranġament għat-traffiku, billi t-toroq tal-madwar għadhom mhux iffurmati jew asfaltati.

5.30.4. Il-Kunsill iddeċieda li r-residenti għandhom jiġu kkonsultati dwar l-introduzzjoni ta' linja safra fuq kull naħa tat-triq, bil-għan li wieħed ikun jista' jieqaf b'vettura, iħott/jgħabbi u jitlaq minnufih.

**5.31.1. Tabelli dwar rimi ta' skart f'inħawi rurali** **(T/4/6/Vol V)**

5.31.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ipproponiet li jitwaħħlu tabelli fl-aktar postijiet rurali li huma notorji għar-rimi tal-iskart. Dan sabiex ikun hemm aktar għarfien dwar l-effetti negattivi li dan it-tip ta' abbuż iħalli fuq il-flora u fauna. Hija qalet li tali proposta saret minn persuni li jattendu regolarment għall-*clean-ups* li jiġu organizzati.

5.31.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**6.1. Siti storiċi abbandunati fil-lokalità** **(A/6/7/Vol III)**

6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għal beni storiċi li jinsabu fil-lokalità illi ilhom abbandunati s-snin u forsi l-Kunsill għandu jitlob id-devoluzzjoni tagħhom bħal fil-każ tal-Fortizza ta' Campbell, il-Palazz tal-Marfa, ir-Razzett tax-Xjaten, u s-Salini tal-Melħ fl-inħawi Tal-Blata. Kompliet tgħid li dawn il-postijiet huma mheddha mill-vandali, jew bl-*offroading*.

6.3. Is-Sinjura Brincat Stellini fakkret li ma' dawn wieħed jista' jżid il-Palazz ta' Selmun, f'liema każ, f'Ġunju 2018 il-Kunsill staqsa lill-Ministru tal-Finanzi dwar il-pjanijiet tal-Gvern rigward il-konservazzjoni u l-użu futur tiegħu.

6.4. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna għall-fatt li l-Palazz ta' Selmun huwa meqjus bħala monument nazzjonali, skedat mill-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar fi Grad 1. Huwa qal ukoll li l-Palazz tal-Marfa huwa anke mhedded minn okkupazzjoni llegali.

6.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkumenta li meta wieħed jibda jaħseb fuq devoluzzjoni ta' beni storiċi għandu jagħmel evalwazzjoni bir-reqqa dwar kemm il-Kunsill ser jkun f'pożizzjoni li jiffinanzja r-restawr meħtieġ, flimkien li jidentifika l-użi u l-manutenzjoni li jiġu wara. Huwa ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill diġa qed jaffaċċja diversi sfidi biex isostni l-proprjetà li diġa tinsab taħt it-tmexxija tagħhom, u fil-parti l-kbira tagħhom kellu jirrikorri għall-assistenza minn organizzazzjonijiet volontarji għall-kustodja tagħhom, li mhux dejjem ħallew ir-riżultati mixtieqa.

6.7. Il-Kunsill kien tal-fehma li dan is-suġġett jitlob aktar diskussjoni.

**7.1. Reviżjoni tal-*Bye-laws* K.L.B.L. 37/02/2017 dwar Attivitajiet fil-Beraħ**
**(B/5/Vol IV)**

7.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li t-test tal-*bye-laws* kif approvati mill-Kunsill ġew mgħoddija lill-konsulent legali tal-Kunsill, fejn ma sar ebda tibdil fis-sustanza.

7.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni għall-*bye-law* 5, fejn qed jiġi propost li kull persuna li tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-*byelaws*, jew tikser xi kundizzjoni ta' permess mogħti bis-saħħa tagħhom, tista' teħel ammenda ta' mhux inqas minn mitt euro (€100) u mhux iktar minn hames mitt (€500). Is-Sur C. Debono qal li l-Artiklu 36(1) tal-Kap. 363 jistipula li persuna li tikser *bye-law* u tkun ħatja ta' kontravvenzjoni tista' teħel piena ta' mhux iżjed minn sebgħin euro (€70), u fil-każ ta' reat kontinwu ammenda ta' mhux iżjed minn ħmistax-il Euro (€15) għal kull jum li matulu jkompli r-reat, wara li tinsab ħatja.

7.4. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li skont il-proċedura stabbilita fil-liġi, jmiss li t-test tal-*bye-laws* jiġi mgħoddi lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

7.5. Kien miftiehem li għandhom jingħataw jumejn żmiem wara s-seduta, sabiex il-membri kollha tal-Kunsill jkollhom l-opportunità jergħu jaraw l-abbozz u jagħtu r-rispons tagħhom.

**8.1. Attivitajiet popolari fid-dawl tal-epidemija Covid-19**
**(D/4/Vol IV)(P/8/1)(E/3/1/Vol IV)(A/5/5/Vol VII)(T/6/1Vol IV)(K/7)(A/5/5/Vol V)(A/5/3/5/Vol V)(A/5/3/1/Vol XVII)(A/5/3/Vol XII)**

8.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u qal li b'dispjaċir jipproponi l-kanċellament tal-inizjattiva l-Arti fil-Misraħ li ssir matul ix-xahar Lulju, fid-dawl tal-fatt li l-festi tal-irħula tħassru mill-Knisja. Issuġġerixxa wkoll li Jum il-Kunsill jiġi trasferit għal nhar l-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2020 biex jiġi abbinat ma' Milied Mellieħi.

8.3. Is-Sur D. Vella aċċenna li l-baġit ta' l-Iljieli Melleħin kien ilaħħaq €33,000 u ppropona li €15,000 minnhom jiżdiedu ma' dak ta' Milied Mellieħi (€15,000), filwaqt €18,000 jintużaw għar-restawr tal-Knisja l-Qadima tal-Manikata minn ġewwa, fejn attwalment għaddej xogħol simili fuq barra mill-ħaddiema tad-Direttorat tar-Restawr.

8.4. Il-Kunsillier I. Castillo staqsa dwar jekk il-fondi jistgħux jintużaw fuq il-proprjetà li ġiet devoluta lill-Bord tal-Park tal-Majjistral u assenjata lill-Kunsill.

8.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg staqsa dwar jekk huwiex possibbli li fondi tal-Kunsill jintefqu fuq proprjetà tal-Knisja. Huwa ppropona li l-binja fil-Park tal-Majjistral msemmija fil-minuta 8.4. għandha titqies bħala proġett għaliha bħala parti mill-pjan ħollistiku li qed jitfassal dwar il-binjiet kollha fil-Park.

8.6. Is-Sindku D. Vella qal li l-Knisja tista' tibbenefika minn fondi Ewropej biex tirrestawra l-knisja l-qadima minn ġewwa, u forsi tista' issir talba mill-Kurja f'dan is-sens, bħalma sar fir-rigward ta' knejjes oħra.

**9.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella illi tgħid:**

**"Billi l-massimu tal-*cash float* għall-*petty cash* miżmuma fl-uffiċċju tal-Kunsill hija €116.47; u**

**Billi l-Artiklu 23(b) tar-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Finanzi) (L.S. 363.01) jippermetti lill-Kunsill jawtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv biex javvanza, kif ikun meħtieġ, dawk is-somom ta' flus lil impjegati tiegħu għall-ħlas mill-*petty cash*;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li l-massimu tal-*cash float* jiżdied għall-€250.00, sabiex jilqa' għall-esiġenzi attwali, fir-rigward ta' xiri taħt il-€50.". (K/1/8)**

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li din il-mozzjoni qed titressaq peress li l-*cash float* ta' €116.47 kif ilha tiġi osservata sa mill-1993, m'għadhiex suffiċjenti għaż-żmenijiet ta' llum u għalhekk qed tispiċċa malajr u jkun jeħtieg li wieħed ikollu jirrikorri spiss il-bank sabiex jinġiebu l-flus.

9.3. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

**10.1. Sejħa għall-offerti dwar is-servizz ta' *Contracts Management* (K/6/5/2)**

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv aċċenna li l-kuntratt attwali jesiġi li minn jagħti s-servizz imsemmi għandu jkollu l-*warrant* ta' perit minħabba li jkun irid jiċċertifika xogħlijiet li jsiru fit-toroq. Huwa spjega li x-xogħol ta' *contracts manager* skont imur lill'hinn minn dan u jinvolvi superviżjoni fuq kuntratturi li jinvolvu servizzi bħalma huma ġbir ta' skart domestiku, żamma ta' latrini pubbliċi, manutenzjoni ta' sinjali u tabelli tat-traffiku eċċ. Huwa qal li tali skrutinju jsir ftit li xejn u forsi mhux kompatibbli mal-professjoni ta' perit. Is-Sur C. Debono għalhekk ippropona li taħt kuntratt ġdid għandu jitneħħa r-rikwiżit ta' perit u minflok ikun hemm dak ta' *contract manager,* jew *supervisor.*

10.3. Il-Kunsill approva l-kunċett spjegat skont il-minuta 10.2 u ġie deċiż li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sejħa għall-offerti għandhom jiġu mgħoddija lill-Kunsillieri kollha u jingħataw ġimgħa żmien qabel il-pubblikazzjoni tas-sejħa.

**11.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

11.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 2 ta' Mejju 2020.

11.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

11.4. Tressqet wkoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li tkopri bejn l-14 ta' Marzu u s-17 ta' April 2020

11.5. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-6 ta' April u t-2 ta' Mejju 2020.

11.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-Kunsillieri, is-seduta spiċċat fil-11.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 2 ta' Gunju 2020 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**